MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru 706/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**VS**

**EMANUEL SIVE LINO DESIRA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emmanuel sive Lino Desira ta' 42 sena, iben il-mejjet Vincent u Salvina nee' Zammit, imwieled Haz-Zabbar nhar il-15 ta' Jannar, 1962, u joqghod 12, Ritlindes, Triq Villabate, Haz-Zabbar, ID NRU: 72462 (M);

Akkuzat talli fi Triq Villabete, St Anthony Street, u f'inhawi ohra f'Haz-Zabbar, f'dawn l-ahhar hmistax, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb f'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi

saq il-vettura tieghu tal-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni EAC 758 fid-direzzjoni tal-mara tieghu Rita Desira, liema dritt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

U aktar talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ wliedu minuri Matthew ta’ disa’ snin u Jean Paul ta’ tmien snin f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom, skond ma ccertifika Dr Anthony Bugeja MD, tac-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

U aktar talli fil-ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar, nhar il-Gimgha 27 t’Awissu, 2004 ghall-habta ta’ xi s-sitta ta’ fil-ghaxija ingurja, hedded u ghamel offizi fuq il-persuni tal-Ispettur Mary Muscat, is-Surgent 475 Francis Cassar u l-kuntistabbli 1160 K Penza, skond ma ccertifika Dr Joseph Cassar Delia MD, ta’ Haz-Zabbar, liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu, jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija ufficcjali tal-Pulizija, li huma persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

U finalment talli ma obdiex l-ordnijiet legittmi ta’ l-awtorita’ jew ta’ persuni li jkunu nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Dicembru, 2004, li permezz taghha inhargu l-Artikoli tal-Ligi relattivi fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, l-Qorti tinsab soddisfatta li dan ma kienx incident hekk imsejjah ta' vjolenza domestika, izda incident ta' darba li sehh wara hafna zmien ta' tensjoni u pressjoni fil-familja in kwistjoni. Anki l-incident li sehh fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, ukoll huwa attribwibbli ghal din ir-raguni. Barra minn hekk, il-partijiet ukoll iddikkjaraw li llum irrikonciljaw bejniethom, u ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tkabbar feriti li diga' qed ifiequ.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 217, u 218, 41(1)(a), 95 u 96, 333(dd))ee), 17(b)(c), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat l-assorbiment ta' varji akkuzi, issib lill-imputat Emmanuel sive Lino Desira hati tal-akkuzi kif dedotti, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------